

Brussell, 13 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9012/1/26
REV 1

SPORT 31
TOUR 21
SUSTDEV 37
SAN 282
SOC 243
CLIMA 247
COMPET 539

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar it-turiżmu sportiv bħala kontributor għall-iżvilupp sostenibbli

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġġ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Mejju 2026.

**Konklużjonijiet
tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet
tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill
dwar it-turiżmu sportiv bħala kontributur għall-iżvilupp sostenibbli**

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI
MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU:

1. Fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jagħti lill-Unjoni Ewropea l-kompetenza li twettaq azzjonijiet fil-qasam tal-isport biex tappoġġa, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri, fl-Artikolu 165 TFUE, li skontu l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kwistjonijiet Ewropej tal-isport, filwaqt li tqis in-natura speċifika tal-isport, l-istrutturi tiegħu bbażati fuq l-attività volontarja u l-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu, kif ukoll fl-Artikolu 195 TFUE li jipprevedi li l-Unjoni għandha tikkomplementa l-azzjoni tal-Istati Membri fis-settur tat-turiżmu, b'mod partikolari billi tippromwovi l-kompetittività tal-impriżi tal-Unjoni f'dak is-settur u tinkoraġġixxi l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp tagħhom.
2. Fil-Pjan ta' Hídma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2024–2027¹, li jistipula l-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni fil-qasam tal-isport fl-oġġettivi ta' gwida tiegħu, biex "jippromwovu, permezz ta' kooperazzjoni transsettorjali, is-sensibilizzazzjoni tat-turiżmu sportiv li jista' jkollu rwol ewlieni fl-iżvilupp sostenibbli tas-settur u fil-bini tar-reżiljenza tiegħu".
3. Fil-kuntest politiku kif deskritt fl-Anness ta' dawn il-konklużjonijiet.

¹ ĠU C, C/2024/3527, 3.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/3527/oj>

FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW LI:

4. Għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet, it-turiżmu sportiv jirreferi għal attivitajiet turistiċi li fihom l-ivvjaġġar ikun motivat mill-parteċipazzjoni fl-isport jew fl-attività fiżika, jew mill-attendenza f'avvenimenti sportivi, kompetizzjonijiet jew attrazzjonijiet relatati mal-isport jew l-osservazzjoni tagħhom.
5. It-turiżmu sportiv jgħaqqad il-vitalità ekonomika tat-turiżmu mal-valur soċjali, kulturali u ta' benefiċċju għas-saħħa tal-isport u jista' jservi bħala strument strateġiku għall-żvilupp lokali u reġjonali sostenibbli u fit-tul. Meta jkun ippjanat b'mod responsabbli u proporzjonat, dan jista' jrawwem il-koeżjoni territorjali, ix-xogħol ta' kwalità, il-protezzjoni tal-wirt kulturali u destinazzjonijiet reżiljenti, filwaqt li jwassal għal benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali dejjiema għall-komunitajiet lokali, inkluż permezz ta' avvenimenti sportivi li jistgħu jżidu l-parteċipazzjoni fl-isport, isaħħu l-identità tal-komunità u jtejbu l-viżibbiltà tar-reġjuni ospitanti.
6. F'dan il-kuntest, is-sostenibbiltà tinftiehem bħala prinċipju gwida li jiżgura li l-aspetti ambjentali, soċjali u ekonomiċi jitqiesu fit-tfassil tal-politiki u l-prattiki pubbliċi u fl-attivitajiet ekonomiċi fit-tul.
7. It-turiżmu sportiv sostenibbli jirrikjedi li l-attivitajiet tat-turiżmu sportiv ikunu kompatibbli mal-oġettivi tal-protezzjoni ambjentali u dawk klimatiċi, filwaqt li jagħtu valur fit-tul lill-viżitaturi u lill-komunitajiet lokali. L-attivitajiet tat-turiżmu sportiv għandhom jiġu żviluppati f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li jiġi żgurat bilanċ bejn ir-responsabbiltajiet soċjali u ambjentali, kif ukoll il-vijabbiltà ekonomika.
8. Billi jipprovdi opportunitajiet għall-parteċipazzjoni u l-iskambju, it-turiżmu sportiv jista' jippromwovi l-valuri fundamentali tal-Unjoni, isaħħaħ il-koeżjoni soċjali u jrawwem in-nondiskriminazzjoni.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU LI:

9. Fil-livell lokali u reġjonali, it-turiżmu sportiv jista' jsaħħaħ l-ekosistemi ekonomiċi billi jappoġġa x-xogħol, jistimula l-intraprenditorija u l-investment, jiġġenera valur ekonomiku permezz tal-infiq tal-viżitaturi u jikkontribwixxi għall-estensjoni tal-istaġun tat-turiżmu permezz ta' attivitajiet relatati mal-isport, filwaqt li jqis il-protezzjoni ambjentali, l-objettivi klimatiċi, u n-natura differenti tat-turiżmu sportiv fi Stati Membri differenti.
10. Fit-tul, dan jista' jikkontribwixxi għal promozzjoni tad-destinazzjoni u viżibbiltà internazzjonali aktar robusti, li jippożizzjona r-reġjuni u l-komunitajiet permezz ta' attivitajiet u valuri relatati mal-isport, dment li l-flussi turistiċi jiġu ġestiti b'mod sostenibbli, filwaqt li jsaħħaħ l-attrazzjoni tal-Ewropa bħala destinazzjoni tat-turiżmu sportiv.
11. L-involvement attiv tal-komunitajiet lokali u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż l-organizzazzjonijiet tal-isport għad-dilettanti u l-klabbs sportivi lokali, fl-ippjanar u t-twettiq ta' inizjattivi tat-turiżmu sportiv, inkluż permezz ta' infrastruttura mfassla b'mod sostenibbli, jista' jgħin biex jiġu massimizzati l-impatti pożittivi, jiġu ppreservati l-kultura u l-wirt lokali, u jissaħħu r-responsabilizzazzjoni, l-identità u r-reżiljenza tal-komunità lokali.

FILWAQT LI JENFASIZZAW LI:

12. Meta jkun ippjanat b'mod strateġiku u proporzjonat għall-kapaċitajiet lokali, it-turiżmu sportiv jista' jipprovdi alternattiva għal ċerti mudelli tat-turiżmu tal-massa, assoċjati ma' turiżmu żbilanċjat u pressjonijiet ambjentali u soċjali relatati. Dan jista' jgħin biex jiġu indirizzati d-disparitajiet territorjali billi jiddiversifika l-prodotti tat-turiżmu, jipromwovi destinazzjonijiet inqas magħrufa u jħeġġeġ forom ta' turiżmu aktar responsabbli u bbilanċjati, inkluż dawk marbuta ma' avvenimenti sportivi fuq skala żgħira u medja, li jistgħu jappoġġaw l-attrazzjoni tad-destinazzjonijiet maż-żmien.

13. Fejn ma jkunux ġestiti b'mod xieraq, il-prattiki tat-turiżmu sportiv mhux sostenibbli jistgħu jiġġeneraw pressjonijiet ambjentali, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima u jiġu affettwati minnu. Fl-istess ħin, anke l-prattiki tat-turiżmu sportiv sostenibbli jistgħu jiġu affettwati mill-effetti tat-tibdil fil-klima. Għalhekk, l-iżvilupp tat-turiżmu sportiv għandu jkompli jadatta għar-riskji ambjentali u jkun konsistenti bis-sħiħ mal-obiettivi tan-newtralità klimatika tal-Unjoni. Għandu jkun appoġġat ukoll minn ippjanar integrat, proporzjonat u orjentat lejn il-futur, inkluż, fejn fattibbli, valutazzjoni tal-impatt sistematika u monitoraġġ ibbażati fuq indikaturi komparabbli u armonizzati, biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tad-destinazzjonijiet tat-turiżmu sportiv.
14. L-emissjonijiet relatati mat-trasport jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-impronta ambjentali tat-turiżmu. L-iżvilupp tat-turiżmu sportiv sostenibbli jeħtieġ ippjanar tal-mobbiltà konxju mill-klima, inkluż il-promozzjoni ta' modi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u attivi, u infrastruttura u inċentivi adegwati biex jitħeġġeġ l-użu tat-trasport pubbliku.
15. L-iżvilupp tat-turiżmu sportiv għandu jqis kif xieraq l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-preservazzjoni tal-ambjenti tal-art, kostali u tal-baħar, b'mod partikolari f'ekosistemi sensitivi. Fejn xieraq, u f'konformità mal-arranġamenti nazzjonali, reġjonali u lokali, l-introjt ġġenerat permezz tat-turiżmu sportiv jista' jikkontribwixxi wkoll għall-konservazzjoni ambjentali, l-infrastruttura sostenibbli u l-ġestjoni fit-tul tad-destinazzjonijiet.
16. Is-sensibilizzazzjoni, permezz tal-edukazzjoni ambjentali u inizjattivi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet, fost it-turisti sportivi u r-residenti, kif ukoll fost l-organizzaturi u l-fornituri tas-servizzi, tista' tikkontribwixxi għal Prattiki tat-turiżmu sportiv aktar sostenibbli.

17. Il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet pubbliċi, in-negozji lokali, l-organizzazzjonijiet sportivi, l-organizzazzjonijiet ambjentali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali, jista' jkollha rwol importanti fl-iżvilupp tat-turiżmu sportiv sostenibbli, inkluż bit-titjib tal-koordinazzjoni, l-iskambju ta' għarfien u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin.
18. Billi jinkoraġġixxi l-interazzjoni u l-inklużjoni soċjali, il-fiduċja, in-networking u d-djalogu fost il-parteċipanti minn sfondi differenti, it-turiżmu sportiv jista' jtejjeb il-promozzjoni tal-fehim reċiproku, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, id-djalogu interkulturali u l-kuntatti bejn il-persuni, inkluż bħala għodda tad-diplomazija bl-isport.
19. It-turiżmu sportiv jista' jikkontribwixxi għall-kisba ta' diversi SDGs tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-SDGs 1, 3, 5, 8, 10, 11, 12, 13, 15, 16 u 17, meta jiġi żviluppat u implimentat b'mod sostenibbli u inklużiv.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELL ADATT:

20. Jikkunsidraw li jieħdu approċċ strateġiku u integrat għall-iżvilupp tat-turiżmu sportiv, billi jallinjaw il-politiki dwar l-isport, it-turiżmu u s-sostenibbiltà, filwaqt li jqisu l-oġettivi rilevanti tal-SDGs tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030.
21. Iħeġġu l-kooperazzjoni Ewropea, internazzjonali u transfruntiera fost l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali permezz ta' programmi tal-Unjoni, sħubijiet reġjonali, networks u inizjattivi konġunti eżistenti, filwaqt li jiżguraw approċċ koordinat u transsettorjali li jinvolvi wkoll sħubijiet pubbliċi-privati u sħubijiet fis-settur tal-volontarjat biex jiġu promossi l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà fit-tul fl-iżvilupp tat-turiżmu sportiv.

22. Jesploraw, fejn xieraq, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u l-oqfsa finanzjarji disponibbli, il-possibbiltà li jallokaw riżorsi finanzjarji xierqa biex jappoġġaw inizjattivi tat-turiżmu sportiv sostenibbli, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, is-soluzzjonijiet ta' mobbiltà u l-iżvilupp tal-infrastruttura, l-innovazzjoni diġitali, ir-riċerka, u l-proġetti ta' kooperazzjoni transfruntiera, filwaqt li jiżguraw koerenza mal-prijoritajiet tal-Unjoni u l-istrumenti ta' finanzjament eżistenti.
23. Jikkunsidraw il-promozzjoni ta' attivitajiet turistiċi relatati mal-isport, inkluż il-mobbiltà attiva, biex jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni fl-attività fiżika fost il-viżitaturi u l-komunitajiet lokali, inkluż gruppi u persuni sottorappreżentati jew vulnerabbli, fejn possibbli permezz ta' sinerġiji ma' inizjattivi rilevanti tal-Unjoni, filwaqt li jinnotaw li l-akbar beneficiċji għas-saħħa jinkisbu minn dawk li huma l-inqas attivi fiżikament.
24. Jinkoraġġixxu t-turiżmu sportiv diversifikat bħala għodda għall-iżvilupp u l-promozzjoni tad-destinazzjonijiet sostenibbli, inkluż freġjuni li jattiraw inqas viżitaturi u dawk periferiċi, filwaqt li jippromwovu soluzzjonijiet ta' trasport sostenibbli, konnettività u aċċessibbiltà, u jrawmu sinerġiji ma' forom alternattivi u speċjali oħra ta' turiżmu, sabiex titnaqqas l-istaġjonalità, jittaffew il-pressjonijiet territorjali u jgħinu fil-prevenzjoni tad-degradazzjoni ambjentali u l-isfidi soċjali.
25. Jippromwovu prattiki ambjentalment responsabbli fl-organizzazzjoni u t-twettiq ta' attivitajiet tat-turiżmu sportiv li jiprijoritizzaw l-involvement tal-komunitajiet lokali, u jqisu r-reżiljenza għall-klima u l-impatti ambjentali fit-tul, u jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' infrastruttura u servizzi sostenibbli, filwaqt li jirrispettaw l-intensità tat-turiżmu fuq l-ambjent u jimmaniġġaw il-flussi tal-viżitaturi, b'mod partikolari fuq distanzi twal, biex jiġi evitat l-affollament eċċessiv.
26. Irawmu inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni għall-viżitaturi u l-organizzaturi, kif ukoll taħriġ dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni ambjentali għall-professionisti tat-turiżmu sportiv.

27. Jikkunsidraw li jinkoraġġixxu r-riċerka u l-iżvilupp tal-għarfien permezz tal-ġbir u l-iskambju ta' data dwar indikaturi tas-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika għat-turiżmu sportiv, inkluż ix-xejriet tas-suq, bħala parti minn oqfsa usa' ta' monitoraġġ tas-sostenibbiltà tat-turiżmu, fejn possibbli bl-użu ta' indikaturi komparabbli u armonizzati eżistenti; dan għandu jikkontribwixxi għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u jappoġġa l-monitoraġġ tal-politiki pubbliċi maż-żmien.
28. Fejn rilevanti u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data u l-istandards etiċi, jesploraw l-użu ta' għodod diġitali, inkluż applikazzjonijiet, pjattaformi, realtà virtwali jew awmentata u l-IA, biex jappoġġaw il-ġestjoni mmexxija mid-data u sostenibbli tal-attivitajiet u d-destinazzjonijiet tat-turiżmu sportiv, inkluż għall-monitoraġġ tal-flussi tal-viżitaturi u l-valutazzjoni tal-impatt, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet ambjentali assoċjati ma' tali soluzzjonijiet, b'mod partikolari f'termini ta' konsum tal-enerġija u tal-ilma.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA TAGĦHA:

29. Tappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni, prattiki tajbin u għarfien fost l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-iżvilupp tat-turiżmu sportiv sostenibbli, inkluż permezz ta' pjattaformi strutturati u inizjattivi eżistenti, u tippromwovi l-fehim tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.
30. Ttipprovdi gwida dwar programmi ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni bħal Erasmus+, iżda mhux limitati għalih, biex tappoġġa inizjattivi tat-turiżmu sportiv sostenibbli, soċjalment inklużivi u innovattivi, inkluż dawk li jippromwovu l-kooperazzjoni transfruntiera.
31. Tinkoraġġixxi, fejn rilevanti, ir-riċerka u l-ġbir ta' data relatati mat-turiżmu sportiv, inkluż l-iżvilupp u l-użu ta' metodoloġiji u statistika armonizzati, bħall-Kontijiet Satellita għat-Turiżmu, il-Kontijiet Satellita għall-Ispport, l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar it-Turiżmu (ETDs) u d-Dashboard tat-Turiżmu tal-UE, mingħajr ma jinħolqu sistemi statistiċi paralleli jew frammentati.
32. Tesplora r-rwol tat-turiżmu sportiv fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE għal Turiżmu Sostenibbli.

JISTIEDNU L-MOVIMENT SPORTIV U L-PARTIJET IKKONĊERNATI TAT-TURIŻMU SPORTIV, B'KONT MEĦUD TAR-RESPONSABBILTÀ TAGĦHOM U L-AWTONOMIJA TAL-ISPORT:

33. Jikkunsidraw li jinvolvu ruħhom fi sħubijiet u kooperazzjoni fit-tul u strutturati, inkluż sħubijiet transfruntieri u pubbliċi-privati, biex jiżviluppaw servizzi u proġetti tat-turiżmu sportiv sostenibbli, u biex jikkontribwixxu għal inizjattivi rilevanti tal-Unjoni li jipromwovu l-parteċipazzjoni, is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni fl-isport.
34. Jipromwovu l-volontarjat, l-involvement tal-komunità u l-inklużjoni soċjali fl-attivitajiet u l-avvenimenti tat-turiżmu sportiv u permezz tagħhom.
35. Irawmu prattiki ambjentalment responsabbli u soċjalment inklużivi fl-ippjanar u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet u avvenimenti tat-turiżmu sportiv, inkluż l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' mobbiltà sostenibbli li jkopri l-arranġamenti tat-trasport.
36. Jintegraw is-sostenibbiltà, inkluż l-għażliet ta' trasport sostenibbli, l-aċċessibbiltà u r-responsabbiltà soċjali fil-kummerċjalizzazzjoni tat-turiżmu sportiv, inkluż permezz ta' għodod diġitali u l-promozzjoni ta' avvenimenti barra l-istaġun u reġjonali, sabiex jappoġġaw żvilupp territorjali bbilanċjat, xogħol ta' kwalità, il-protezzjoni tal-wirt kulturali u r-reżiljenza tad-destinazzjonijiet fit-tul.
37. Jikkontribwixxu, fejn xieraq, għall-ġbir tad-data, ir-riċerka u l-kondiviżjoni tal-għarfien, sabiex jappoġġaw it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u t-titjib kontinwu tal-prattiki tat-turiżmu sportiv sostenibbli.
38. Iħeġġu lill-organizzazzjonijiet sportivi jingħaqdu mal-Manifest tal-Isport Ekoloġiku taħt l-inizjattiva SHARE 2.0 u jaħdmu flimkien lejn turiżmu sportiv aktar ambjentalment responsabbli u sostenibbli, inkluż permezz tat-tixrid usa' ta' prattiki tajbin.

Qafas leġiżlattiv u politiku tal-UE

- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2024 dwar it-trawwim tal-legat dejjiemi ta' avvenimenti sportivi kbar (ĠU C, C/2024/7401, 9.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/7401/oj>)
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2023 dwar l-iżvilupp tal-Aġenda 2030 biex jintlaħqu l-għanijiet: Naċċelleraw il-lokalizzazzjoni tal-SDGs (15939/23)
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2023 dwar tranżizzjoni soċjali, ekoloġika u diġitali (15732/23)
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2022 dwar Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030 (15441/22)
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2022 dwar infrastruttura sostenibbli u aċċessibbli tal-isport (ĠU C 494, 28.12.2022, p. 1)
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' April 2022 dwar l-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli (ĠU C 170, 25.4.2022, p. 1)
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2022 dwar ir-Rapport Speċjali Nru 27/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Appoġġ mill-UE lit-turiżmu: ħtieġa għal orjentazzjoni strateġika ġdida u approċċ ta' finanzjament aħjar (6829/22)
- Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2021 dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport (ĠU C 501, 13.12.2021, p. 1)
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2021 dwar l-attività fiżika tul il-ħajja (ĠU C 501I, 13.12.2021, p. 1)

- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2021 dwar l-innovazzjoni fl-isport (ĠU C 212, 4.6.2021, p. 2)
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2021 dwar it-turiżmu fl-Ewropa għall-għaxar snin li ġejjin: sostenibbli, reżiljenti, diġitali, globali u soċjali (8881/21)
- Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021 dwar l-istabbiliment ta' Strateġija tal-UE għal Turiżmu Sostenibbli (ĠU C 494, 8.12.2021, p. 106)
- Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar it-trasport u t-turiżmu fl-2020 u lil hinn (ĠU C 362, 8.9.2021, p. 55)
- Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2019 dwar id-Dimensjoni Kulturali tal-Iżvilupp Sostenibbli (ĠU C 410, 6.12.2019, p. 1)
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2019 dwar il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu bħala promotur tat- tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali fl-UE għall-għaxar snin li ġejjin (9707/19)
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' April 2019 "Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030" (8286/19)
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2017 dwar ġejjieni Ewropew sostenibbli: it-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (10370/17)
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Ġunju 2016 dwar it-tishiġ tal-integrità, it-trasparenza u l-governanza tajba f'avvenimenti sportivi ewlenin (9644/16)

- Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Ottubru 2015 dwar sfidi u kunċetti ġodda għall-promozzjoni tat-turiżmu fl-Ewropa (ĠU C 355, 20.10.2017, p. 71)
 - Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar it-tiżni tat-turiżmu permezz tal-promozzjoni tal-wirt kulturali, naturali u marittimu tal-Ewropa (16535/14)
 - Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2010 dwar l-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja - qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew (14944/10)
 - Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja - qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew (COM/2010/0352 final (30 ta' Ġunju 2010))
-